DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

ta' l-24 ta' April 2007

dwar l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2005

(2008/532/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Awtorità ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-data 27 ta' Frar 2007 (5711/2007 – C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0112/2007),

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel huma preżentati kif ġej:

Kont ta' dħul u nfiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2005

(f'EUR 1000)

	2005	2004
Dħul operattiv	27 405	20 591
Total ta' dħul operattivi	**27 405**	**20 591**

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 22.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 42.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
([4]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 575/2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

(f'EUR 1000)

	2005	2004
Nefqa amministrattiva		
Nefqa ta' l-istaff	- 13 012	- 7 564
Binjiet u spejjeż relatati	- 3 627	- 4 192
Spejjeż oħra (inklużi spejjeż b'entitajiet konsolidati tal-KE)	- 2 205	- 1 263
Deprezzament u tnaqqis fil-valur ta' entitajiet konsolidati	-603	-333
Spejjeż operattivi (inklużi spejjeż b'entitajiet konsolidati tal-KE)	- 8 413	- 6 431
Total ta' spejjeż operattivi	**- 27 674**	**- 19 783**
Profitt/(telf) operattiv	-761	808
Dħul minn ħidmiet finanzjarji	—	0
Spejjeż minn ħidmiet finanzjarji	-7	-7
Profitt/(telf) fuq ħidmiet finanzjarji	-7	-6
Profitt/(telf) attwali	-768	802
Dħul straordinarju		
Spejjeż straordinarji	—	-27
Profitt/(telf) straordinarju	—	-27
Outturn ekonomiku għas-sena finanzjarja	-768	775

NR – Varjazzjonijiet fit-totali ġejjin mill-fatt li n-numri nġiebu għad-dritt.

Sors: Informazzjoni ta' l-Awtorità – Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-data provduta mill-Awtorità fil-kontijiet annwali tagħha.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2005;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-direttur ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżgura/tiżgura li tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President — *Is-Segretarju Ġenerali*

Hans-Gert PÖTTERING — Harald RØMER